MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 836/2011

Louise **FENECH**

vs

**SAMIRJESS LIMITED** (C-30716)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-25 ta’ Awissu, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attriċi talbet li din il-Qorti (a) ssib li l-kumpannija mħarrka naqset milli twettaq fiż-żmien ir-rabtiet kuntrattwali tagħha lejha konsistenti f’xogħlijiet ta’ “*finishing*” tal-appartament numru tliet mija u ħamsa (305) li jagħmel mill-binja msejħa “Torri A3”, fit-tielet livell faċċata tat-Torri A2, fi Triq Ninu Cremona, Raħal Ġdid, u dan skond kif miftiehem bejniethom fil-kitba li saret fil-31 ta’ Ottubru, 2006; (b) tagħti lill-istess kumpannija mħarrka żmien qasir u perentorju li fih, u jekk meħtieġ wara li taħtar perit għal dan il-għan biex

jissorvelja dak li qed isir, ittemm l-imsemmija xogħlijiet; (ċ) tawtoriżżaha biex, f'każ li l-kumpannija mħarrka tonqos li tagħmel dak li huwa meħtieġ u fiż-żmien lilha mogħti, tagħmel hi l-imsemmija xogħlijiet u dan bi spejjeż għall-kumpannija mħarrka taħt is-superviżjoni tal-perit tekniku maħtur mill-Qorti; u (d) ssib li minħabba n-nuqqas tagħha lejha, l-kumpannija mħarrka ġabet ħsara u ikkawżat danni lill-attriċi liema danni għandhom ikunu likwidati mill-Qorti u ikkundannata tħallashom lill-attriċi. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Settembru, 2011, li bih ordnat in-notifika lill-kumpannija mħarrka u tat direttivi lill-attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat li l-kumpannija mħarrka, minkejja li laqgħet l-atti tal-kawża kif imiss, naqset li tressaq Tweġiba Maħlufa fiż-żmien mogħti lilha mil-liġi u b'hekk baqgħet kontumaċi;

Rat ix-xhieda mressqa mill-attriċi kemm quddiem il-Qorti, kemm quddiem l-Assistent Ġudizzjarju u kif ukoll bil-mezz tal-affidavit;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-23 ta' Frar, 2012[1], li bih l-attriċi iddikjarat li ma kenitx għadha qiegħda tinsisti dwar ir-raba' talba tagħha u kienet qiegħda tirtiraha biex tirregola ruħha mod ieħor;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Frar, 2012, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi di hija azzjoni għal dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' twettiq ta' appalt u għall-eżekuzzjoni tal-appalt miftiehem. L-attriċi xtrat appartament mingħand il-kumpannija mħarrka

[1] Paġ. 81 tal-proċess

(aktar 'il quddiem imsejħa "Samirjess") u, fl-okkażjoni tal-konvenju qabel il-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ, kien sar ftehim ieħor ta' appalt li bih Samirjess kienet intrabtet li tagħmel xogħlijiet ta' "*finishing*" sa ċertu żmien. Minħabba li Samirjess baqgħet ma wettqitx dawk ix-xogħlijiet, l-attriċi fittxitha biex il-Qorti ssib li Samirjess naqset li twettaq dak li ntrabtet bih, u biex tagħti żmien lil Samirjess li ttemm dawk ix-xogħlijiet u, fin-nuqqas, li tagħmel hi x-xogħlijiet meħtieġa bi spejjeż għal Samirjess. Talbet ukoll il-kundanna ta' Samirjess għall-ħlas tad-danni li ġabitilha minħabba n-nuqqas li ttemm ix-xogħlijiet fiż-żmien miftiehem;

Illi Samirjess ma ressqet l-ebda eċċezzjoni għall-azzjoni attriċi u lanqas dehret jew bagħtet rappreżentant tagħha kull meta ssejħet il-kawża;

Illi lejn l-aħħar tal-kawża, l-attriċi ċediet it-talba tagħha dwar id-danni u għalhekk dak li trid tqis il-Qorti huwa dwar jekk huwiex minnu li Samirjess naqset mill-obbligazzjonijiet tagħha u jekk it-talbiet tal-attriċi humiex tajbin;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li fil-31 ta' Ottubru, 2006[2], l-attriċi resqet fuq att ta' konvenju ma' Samirjess għax-xiri u l-bejgħ lilha ta' appartament bin-numru tliet mija u ħamsa (305) li jagħmel parti minn blokka ta' bini imsemmija "Torri A3", fit-tielet sular residenzjali (il-ħames sular tal-binja), liema blokka tagħti għal fuq Triq Ninu Cremona (mit-Tramuntana) u Triq l-Arkati (min-Nofsinhar), f'Raħal Ġdid, u kif ukoll ta' remissa bin-numru tmienja u għoxrin (28) fil-livell tat-tielet sular taħt wiċċ it-triq, bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra. Dak il-bejgħ kien imwiegħed bil-prezz ta' wieħed u erbgħin elf mitejn u ħamsin lira Maltija (Lm 41,250)[3], li ħamsa u tletin elf seba' mija u ħamsin lira Maltija (Lm 35,750)[4] minnhom kienu l-prezz tal-appartament, filwaqt li l-ħamest elef u ħames mitt lira Maltin (Lm 5,500)[5] li jifdal kienu l-prezz miftiehem tar-remissa;

[2] Dok "AnnexB", f'paġġ. 32 – 5 tal-proċess
[3] Li jġibu € 96,086.65 fi flus tal-lum
[4] Li jġibu € 83,275.10 fi flus tal-lum
[5] Li jġibu € 12,811.55 fi flus tal-lum

Illi dakinhar ukoll, saret kitba ta' appalt[6] bejn l-attriċi u Samirjess dwar l-appartament imsemmi, dwar il-partijiet u s-servizzi komuni tal-blokka li minnu jagħmel u kif ukoll dwar ir-remissa. Dan l-appalt kellu jirreferi għal xogħlijiet li ssemmew f'lista mehmuża mal-istess ftehim[7], u kien miftiehem għall-prezz ta' tlettax-il elf seba' mija u ħamsin lira Maltija (Lm 13,750)[8] li tmint elef mitejn u ħamsin lira (Lm 8,250)[9] minnhom kellhom jitħallsu malli jintemm ix-xogħol fl-appartament, filwaqt li l-bqija ta' ħamest elef u ħames mitt lira Maltin (Lm 5,500) kellhom jitħallsu malli jintemm ix-xogħol kollu fil-partijiet komuni. Filwaqt li Samirjess kellha l-jedd li tassenja l-appalt mogħti lilha lil sub-appaltatur tal-għażla tagħha, l-attriċi ma setgħetx twaqqaf il-kuntratt jew iżżomm ix-xogħlijiet milli jitkomplew, jekk mhux bi qbil ma' Samirjess. Ix-xogħlijiet kellhom ikunu lesti sal-aħħar ta' Jannar, 2008;

Illi l-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ bejn l-attriċi u Samirjess sar fil-31 ta' Jannar, 2007[10]. Sadattant kien qed isir xi xogħol fl-appartament u fl-ambjenti komuni tal-blokka li jagħmel minnu. Meta qorob il-jum meta x-xogħlijiet appaltati kellhom ikunu saru, l-attriċi ntalbet biex tmur tiltaqa' ma' rappreżentant ta' Samirjess biex jiġġedded iż-żmien miftiehem fil-kuntratt tal-appalt[11]. L-attriċi qablet u l-ftehim ittawwal bi tliet (3) xhur oħra f'kitba li saret fid-29 ta' Jannar, 2008[12]. Reġa' ġara l-istess f'April, f'Ġunju u f'Settembru tal-2008. Fit-tliet okkażjonijiet reġgħet saret kitba oħra li tawlet iż-żmien biex jintemmu x-xogħlijiet[13];

Illi għall-ħabta ta' Settembru tal-2010[14], l-attriċi kitbet lil Samirjess biex tfakkarha li x-xogħlijiet kienu għadhom m'humiex mitmuma, u li kienet qiegħda żżommha responsabbli għad-danni għaliex ma setgħetx tinqeda bl-appartament li kienet xtrat, u wkoll għaliex fl-istat li kien ma setgħetx iddaħħal l-għamara fih. Jumejn wara,

6 Dok "A", f'paġġ. 4 – 7 tal-proċess
7 Dok f'paġġ. 40 – 1 tal-proċess
8 Li jġibu € 32,028.88 fi flus tal-lum
9 Li jġibu € 19,217.33 fi flus tal-lum
10 Dok "AnnexC", f'paġġ. 42 sa 60 tal-proċess
11 Xhieda tal-attriċi 23.11.2011, f'paġ. 22 tal-proċess
12 Dok "AnnexO", f'paġ. 61 tal-proċess
13 *Ibid.* f'paġġ. 62 – 5 tal-proċess
14 Dok "AnnexE", f'paġ. 66 tal-proċess

Samirjess weġbitha u wegħditha li x-xogħlijiet ikunu lesti kollha sal-aħħar ta' Ottubru ta' dik is-sena[15]. Billi, minkejja din il-wegħda, kien għad fadal xogħol xi jsir ukoll wara dik id-data mwiegħda, l-attriċi qabbdet avukat biex jikteb lil Samirjess f'April tal-2011[16]. U fil-31 ta' Mejju, 2011[17], l-attriċi bagħtet ittra uffiċjali lil Samirjess biex titlobha tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni li ikkawżatilha billi x-xogħlijiet appaltati kienu għadhom ma sarux;

Illi f'Mejju tal-2011, l-attriċi ħatret perit arkitett biex jikkostata liema, mix-xogħlijiet imwegħda, kienu saru u liema kienu għadhom ma sarux sa dak inhar. Huwa mar fuq il-post lejn l-aħħar ta' Mejju[18], u ħalla rapport tal-kostatazzjonijiet li huwa għamel dak inhar fuq il-post dwar ix-xogħlijiet appaltati[19];

Illi l-attriċi fetħet din il-kawża f'Awissu tal-2011;

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet legali li jintrabtu mal-każ</u> jinvolvu b'mod ewlieni l-effetti tan-nuqqas ta' twettiq tal-appalt mogħti lil Samirjess. Minħabba li jirriżulta li mhux ix-xogħlijiet kollha baqgħu ma sarux, il-Qorti jeħtiġilha tara jekk dawk ix-xogħlijiet li ma sarux humiex ta' siwi daqshekk rilevanti li minħabba fihom wieħed jista' jgħid li l-appaltatur (Samirjess) naqas milli jwettaq dak li tqabbad jagħmel;

Illi minħabba li Samirjess għażlet li ma tressaqx kontestazzjoni formali għall-azzjoni mressqa kontriha, u lanqas ma ammettiet il-ħtija tagħha, jiġi li bħala persuna kontumaċi qiegħda tħalli f'idejn il-Qorti biex tqis il-każ skond il-ħaqq u l-provi li joħorġu mill-atti;

Illi għalhekk, l-ewwel stħarriġ li l-Qorti trid tagħmel huwa dwar jekk kienx hemm ksur tal-kuntratt tal-appalt li jġib l-inadempiment ta' dak li kien miftiehem. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ma hemm l-ebda dubju li Samirjess naqset milli ttemm ix-xogħol li tqabbdet tagħmel u li dan

---

15 *Ibid.* f'paġ. 67 tal-proċess
16 *Ibid.* f'paġ. 68 tal-proċess
17 Dok "Ċ", f'paġġ. 13 – 4 tal-proċess
18 Xhieda tal-A.I.Ċ. Noel Debattista 24.1.2012 f'paġġ. 78 – 9 tal-proċess
19 Dok "B", f'paġġ. 8 sa 11 tal-proċess

in-nuqqas kien beda juri ruħu sa minn meta kienet qiegħda toqrob id-data miftehma oriġinarjament mal-attriċi;

Illi huwa magħruf li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali iġġib fis-seħħ l-effetti "sekondarji" tal-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat[20];

Illi meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma ttemmhiex, il-parti l-oħra (jiġifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi spejjeż ta' min ikun naqasha (jiġifieri, d-debitur tal-obbligazzjoni)[21]. Kreditur ta' obligazzjoni li ħaddieħor ikun intrabat miegħu li jwettaq, u dan jonqos li jwettaqha, għandu l-għażla li jisħaq mad-debitur tal-obbligazzjoni li jwettaq dak li ntrabat li jagħmel[22] u, f'każ li l-adempiment ma jkunx għadu jista' jsir aktar, li jitlob il-ħlas tad-danni mġarrba minħabba dak in-nuqqas[23], liema danni jissarrfu fit-telf li l-kreditur ikun ġarrab u fil-qligħ li jkun imtellef minħabba l-inadempiment[24]. Din ir-regola tgħodd ukoll f'kuntratt bħal dak tal-appalt, fejn appaltant li jagħżel li jħoll il-kuntratt minħabba l-inadempiment min-naħa tal-kuntrattur, ma jġibx fuqu l-effetti tal-artikolu 1640(2) tal-Kodiċi Ċivili[25];

Illi, madankollu, ukoll fejn ix-xogħol ma jkunx twettaq kollu, ma jistax jingħad li l-kuntratt ma twettaqx, għaliex inadempiment f'biċċa biss mix-xogħol kollu mogħti ma jistax jitqabbel ma' nuqqas sħiħ ta' twettiq. F'każ bħal dan, fejn parti mix-xogħol tkun twettqet u tkun tiswa lill-appaltant, dan ma jistax jirrifjuta li jħallas għax-xogħol li sar[26];

Illi jitqies li l-appaltatur kien inadempjenti jekk, fejn ikun ta xogħlijiet li ma jkunux tajbin jew skond is-sengħa, jibqa'

---

[20] Art. 1125 tal-Kap 16
[21] Art. 1127 tal-Kap 16
[22] P.A. **13.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Calleja*** (Kolez. Vol: **XXXVI.ii.578**)
[23] Kumm. **13.2.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Petroni vs Petroni noe*** (Kollez. Vol: **XXXVI.iii.629**)
[24] Art. 1135 tal-Kap 16
[25] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Terence Mirabelli vs James Schembri***
[26] App.Inf. **17.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Beżżina et vs Joseph Attard et***

jwebbes rasu għat-talba tal-kommittent biex jagħmel tajjeb għal tali nuqqasijiet: f'każ bħal dan, l-appaltant jista' jgħaddi biex ineħħi l-imsemmija difetti bla ħtieġa li joqgħod jitlob l-awtorizżazzjoni tal-Qorti għal dan[27];

Illi daqstant ieħor huwa stabilit li fejn f'appalt ikun twettaq xogħol li jkollu nuqqasijiet, l-kommittent ma jistax jibqa' jallega l-inadempiment kuntrattwali jekk jaqbad u jwaqqaf lill-appaltatur u, mingħajr ma jitolbu jsewwi dawk in-nuqqasijiet, iqabbad lil ħaddieħor biex jagħmilhom hu[28];

Illi meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja[29]. Dan għaliex, ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b'mala fidi, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni[30]. Biex jeħles minn dawn l-effetti, id-debitur irid juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jew id-dewmien fit-twettiq tagħha fiż-żmien miftiehem kienu l-kawża ta' ħaġa barranija li huwa ma kienx jaħti għaliha, bħal fil-każ ta' aċċident jew forza maġġuri[31];

Illi fil-każ tal-lum, l-attriċi qiegħda teżerċita l-għażla li titlob lill-appaltatriċi (Samirjess) li twettaq dak li kellha tagħmel. Din l-għażla tagħrafha l-liġi wkoll bħala jedd tal-parti li lejha ma tkunx ġiet eżegwita l-obbligazzjoni[32]. Kemm hu hekk, l-ilment waħdieni li jsejjes l-azzjoni attriċi, m'huwiex dak li x-xogħol magħmul minn Samirjess huwa ħażin, imma li Samirjess waqgħet lura fix-xogħol li kellha tagħmel u għalhekk tinsab moruża. F'każ bħal dan, ir-rabta tal-appaltatur ma tiġix fix-xejn u r-responsabbilta' tiegħu biex jagħti dak li ntrabat għalih u li jagħtih skond ma jitolbu s-sengħa tiegħu u l-ħila jibqgħu bla mittiefsa, ladarba l-kommittent ikun irid hekk[33];

---

[27] P.A. PS **9.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Raphael Micallef vs Anthony Aġius***
[28] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***France Abela vs Joseph Scicluna***
[29] Art. 1132(1) tal-Kap 16
[30] Art. 1133 tal-Kap 16
[31] Art.1134 tal-Kap 16
[32] Art. 1069(1) tal-Kap 16
[33] Ara, P.A. PS **30.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Ignazia Degabriele vs Ġorġ Calleja et*** (mhix appellata)

Illi mill-provi li tressqu joħroġ ukoll li x-xogħlijiet li Samirjess naqset li twettaq jistgħu jitqiesu bħala nuqqasijiet essenzjali tal-appalt mogħti lilha mill-attriċi, u dan għaliex iċaħħdu l-ħaġa mill-iskop essenzjali jew is-siwi tagħha b'mod li ma tibqax taqbel mal-għan li għaliha l-ħaġa kienet maħsuba li tintuża mill-kommittenti (l-attriċi)[34]. Dan il-fatt ikkostatah kemm il-perit arkitett li l-attriċi qabbdet u kif ukoll missier l-attriċi, li t-tnejn qalu li l-aċċess għal ġol-appartament mixtri minnha huwa kważi impossibbli, u li l-qagħda tax-xogħlijiet mhux mitmuma jċaħħduha wkoll milli tidħol tgħix fih għalissa u fil-qagħda li tħallew fiha x-xogħlijiet mhux mitmuma;

Illi l-Qorti ma dehrilhiex, fiċ-ċirkostanzi, li kellha għalfejn taħtar perit tekniku biex jikkostata liema xogħlijiet baqgħu ma sarux jew ma ntemmux għal kollox. Dan kien iservi biss biex ikabbar l-ispejjeż tal-kawża u x'aktarx jikkonferma dak li ġie kostatat mill-espert *ex parte* li qabbdet l-attriċi. Minbarra dan, Samirjess ma meriet xejn minn dak li qalet l-attriċi, lanqas fiż-żmien li kienet għaddejja l-korrispondenza bejn il-partijiet qabel infetħet il-kawża. Il-kitbiet li bihom kien qiegħed jiġġedded iż-żmien bi tliet xhur kull darba biex Samirjess tingħata l-opportunita' li ttemm dak li kellha tagħmel huma, fil-fehma meqjusa tal-Qorti, prova tajba biżżejjed ta' tali nuqqas;

Illi għall-finijiet ta' kompletezza, l-Qorti sejra ssemmi liema huma dawk ix-xogħlijiet li Samirjess kienet għadha ma wettqitx jew ma temmitx għal kollox. Dawn ix-xogħlijiet huma meħuda b'riferenza għal-lista sħiħa ta' xogħlijiet li kienet mehmuża mal-ftehim tal-appalt (in-numri fil-parenteżi jaqblu man-numri msemmija f'dik il-lista). Dawn ix-xogħlijiet huma: (i) il-bieb tal-kawba ta' d-dħul għall-appartament (1); (ii) il-*lifts* għadhom ma jaħdmux (6); (iii) iz-zokklu ("*skirting*") li jdur mal-ambjenti kollha tal-appartament (5); (iv) it-twaħħil ta' kaxxa tal-ittri numerata ħdejn il-bieb ta' barra u l-armarju tal-*meters* tad-dawl u l-ilma fl-intrata (7); (v) il-gwarniċi tal-bibien tal-*lifts* u l-poġġaman tat-taraġ komuni; (vi) it-tqabbid tas-sistema tal-katusi tal-appartament mal-medda komuni (11); (vii)

[34] P.A. PS **28.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Stivala noe vs Hector Borġ pro et noe*** (mhix appellata)

twaħħil tat-tagħmir tal-*intercom* fl-appartament mas-sistema komuni (16); (viii) jintemm ix-xogħol fuq is-sistema għal kontra n-nirien (20); (ix) ix-xogħlijiet ta’ kisi tat-tromba tat-taraġ komuni bil-*gypsum* (21) u (x) ix-xogħlijiet li kellhom isiru fir-remissa (1 – 4);

Illi, meta wieħed iqis kemm messhom ilhom li saru l-imsemmija xogħlijiet u bi tqabbil ma’ dak li kollu li kellu jsir fl-appalt, il-Qorti jidhrilha li erbgħin (40) jum għandhom ikunu biżżejjed biex Samirjess ittemmhom b’xogħol sewwa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa’ l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-kumpannija mħarrka naqset milli twettaq ir-rabtiet kuntrattwali li daħlet għalihom mal-attriċi fil-ftehim tal-appalt tal-31 ta’ Ottubru, 2006, u dan billi ma temmitx ix-xogħlijiet kollha miftehma minkejja li għalaq iż-żmien li fih kellhom isiru;

**Tilqa’ t-tieni talba attriċi** u tagħti lill-kumpannija mħarrka żmien ta’ erbgħin (40) jum millum biex ittemm ix-xogħlijiet li għad fadlilha tagħmel u liema xogħlijiet jinsabu lkoll imsemmija b’dettal aktar ’il fuq fil-parti deliberativa ta’ din is-sentenza. Għal dan il-għan, il-Qorti qiegħda taħtar lill-Perit Arkitett Noel Debattista biex jissorvelja x-xogħol li għandu jsir u li jressaq nota fl-atti ta’ din il-kawża meta jkunu saru x-xogħlijiet meħtieġa;

**Tilqa’ t-tielet talba attriċi** u tawtorizża lill-attriċi biex, f’każ li l-kumpannija mħarrka tonqos li twettaq ix-xogħol ordnat fiż-żmien lilha mogħti, tagħmel hi l-imsemmija xogħlijiet taħt is-superviżjoni tal-imsemmi Perit Arkitett u bi spejjeż għall-kumpannija mħarrka. F’dan il-każ ukoll, il-Perit Arkitett irid iressaq nota fl-atti tal-kawża fi żmien xahar minn meta jintemmu x-xogħlijiet u b’dikjarazzjoni maħlufa mehmuża magħha flimkien ma’ dokumentazzjoni awtentikata li turi n-nefqa tax-xogħlijiet li jkunu saru;

**Tastjeni milli tqis aktar ir-raba’ talba attriċi** ladarba l-attriċi irrinunzjat għaliha; u

**Tordna** li lill-kumpannija mħarrka tħallas l-**ispejjeż tal-kawża**, magħduda dawk tal-Perit Arkitett maħtur bis-saħħa ta’ din is-sentenza biex jissorvelja x-xogħlijiet li jridu jsiru.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------